**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Settembru 2022**

**Rikors Numru : 193/2022 JPG**

**Kawza Numru : 12**

**MC**

**Vs**

**NE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MC datat 6 ta' April 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) gewwa l-Kappella tal-Kapuccini fil-Floriana, u li minn dan iz-zwieg taghhom huma kellhom zewg ulied, S u Z ta' X-il sena u Y-il sena rispettivament.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u dsatatx (2019) u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Mark Zaffarese LL.D, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok MC1.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-elfejn u dsatax (2019), huma ilhom ukoll separati de facto kif jirrizulta mill-istess kuntratt sa mill-elfejn u tmintax (2018) u ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.*

*Illi di piu', ma hemm l-ebda arretrati in linea ta' manteniment.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob reverentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
*ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' NE datata 9 ta' Gunju 2022 a fol 24, li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn tliet snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;*
2. *Illi effettivament l-esponenti jaqbel ukoll bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment u ghalhekk m'ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur,*
3. *Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 12 ta' Awwissu 2022 li permezz taghha il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MC xehdet** (vide affidavit fol 18) illi l-partijiet izzewgu nhar id-29 ta' Mejju 2004 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Mark Zaffarese nhar it-22 ta' Marzu[1] 2019. Ikkonfermat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll ma hemm ebda pendenza ta' manteniment dovut.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 25) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

[1] U mhux 22 ta' April 2019 kif dikjarat fir-rikors promotur – vide kuntratt ta' separazzjoni a fol 5.

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-id-29 ta' Mejju 2004, liema zwieg jgib certifikat numru 748/2004 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 17). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Mark Zaffarese nhar it-22 ta' Marzu 2019 (vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 748/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**